u għadda kollox … trab kont u trab issir, għall-erwieħ għaddiet, kemm ma nifilħux l-isturbju, ara ġejja ċetta tat-tritturuwa, ħa nidħol 'il ġawwa għax jekk taqbad miegħi tgħidx kemm iddum tirrieċpa, fl-isem tal-missier u ta' l-iben u ta' l-ispirtu …

## Ċfuf u Żigarelli

Fiċ-ċokon tiegħi
kulma kelli
ftit ċfuf u żigarelli.

u rokna ċkejkna iżda kennija
fejn stajt indendel
il-ħolm ikkulurit u l-fantasija.

Meta ħaduli ċ-ċfuf u ż-żigarelli
ħaduli r-rokna ħolm li darba kelli.

*Ġorġ Borg*

## Taħt is-Saffi Tqal

Hawnhekk
fil-fond mudlam ta' l-art
li jqanqal fina lkoll tkexkixa bard.

Hawnhekk
fejn siktu l-antenati mingħajr glorja
u tħassru mill-memorja.

Hawnhekk
taħt dawn is-saffi tqal, kemm kemm jinstema'
għar moħbi għadu jqattar demgħa demgħa.

*Ġorġ Borg*



## Fil-Lejl li Kiber Miegħi

Għadni ngħarrex bejn il-friegħi
f'dan il-lejl li kiber miegħi.

Għadni nfittex il-mogħdija
fejn il-qamar rajtu jiddi
fit-tfulija.

Għadni wieqaf qed nistenna
ġewwa l-ġnien
id-dawl jaqa' minn xi mkien.

*Ġorġ Borg*